# Agnes

Le, qalbi ma tistrieħx sakemm ġe' fija
tibqa' tiġri u titħarrek qatra demm.
Qalbi tibqa' tixtieq, tibqa' tixxennaq,
tibqa' tittama u tħobb sa ma tintemm.

* * *

Agnes! Tfajla li nħobb! Għaxqa ta' ħajti!
Jasar ferrieħi ta' żgħużiti fl-art!
Xi ġmiel jiddi f'għajnejk! Xi ħlewwa f'fommok!
Oh! kif intlift warajk, kif issaħħart!

Agnes, kont bdejt inħoss jonqosli l-għana
u jintfew fija l-ħġejjeġ tan-NIRIEN;
kont bdejt inħoss in-nghas tal-Poeżija;
kont bdejt inħoss li m'għadnix aktar JIEN.

Iżd'int erġajt xittilt il-ħajja fija,
erġajt nibbitli tamiet sbieħ ta' sliem,
erġajt tellajtni fuq it-Tron tal-Għana,
erġajt ħtartni poeta mingħajr tmiem.

* * *

Le, qalbi ma tistrieħx sakemm ġe' fija
tibqa' tiġri u titħarrek qatra demm.
Qalbi tibqa' tixtieq, tibqa' tixxennaq,
tibqa' tittama u tħobb sa ma tintemm.

JIEN.

*13 ta' Marzu, 1939.*